# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# Għaxar LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 14

**17 ta' Lulju, 2025**

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.45pm

**PREŻENTI:**

Philip Vella – Sindku
Philip Cassar – Viċi Sindku
Francis Galea – Kunsilliera
Franco Bajada – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Marija Cassar Sultana - Kunsilliera

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Jeanette Grima – Segretarja Eżekuttiva

# Aġenda Nru. 14

14.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 13.
14.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
14.4 Attivitajiet – Festa Santa Margerita 2025.
14.5 Komunikazzjoni mis-Segretarja Eżekuttiva;
14.6 Ilmenti u Suġġerimenti;
14.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
14.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 14.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

13.1.1 Il-kunsilliera Maria Cassar ma tistax tattendi l-laqgħa għax qiegħda rikoverata d-dar. Il-kunsilliera Cassar Sultana bagħtet ċertifikat mediku.

## 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 13

13.2.1 Is-segretarja eżekuttiva nfurmat li l-laqgħa qed tkun trasmessa b’mod live fuq il-mezzi ta’ komuniukazzjoni tal-kunsill. Il-Kunsill għadda mill-ewwel għall-minuti tal-laqgħa preċedenti Nru. 13. Is-segretarja eżekuttiva bagħtet il-minuti tal-laqgħa Nru. 13 lill-kunsilliera. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarja Eżekuttiva.

## 14.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

14.3.1 Is-sindku beda l-komunikazzjoni tiegħu billi qal, li rigward it-Triq Xamgħan hemm ħafna nies li qed jilmentaw u jħeġġu t-tkomplija tax-xogħlijiet fuq din it-triq. Is-sindku nforma lill-kunsillieri li lbieraħ stess, l-awtorità ta’ l-ippjanar marru fuq il-post biex jieħdu l-livelli. Is-sindku semma wkoll li ġie nfurmat li tliet familji għamlu mandatt ta’ inibizzjoni sabiex ma jittieħdux il-livelli quddiem id-djar tagħhom. Għalhekk, is-sindku tkellem ma’ l-awtorità ta’ l-ippjanar sabiex jieħdu l-livelli minn postijiet oħra, u ma jittieħdux quddiem dawn id-djar imsemmija, biex hekk ikun jista’ jitkompla x-xogħol.

14.3.2 Fuq It-triq tal-qasam ta’ Sannat, ingħata b’mod temporanju parti zgħira bit-tarmac fejn sar il-gandott, dan biex ikunu jistgħu jiġu organiżżati t-tiġrijiet taż-żwiemel marbuta mal-festa ta’ Santa Margerita. Wara l-festa, it-triq ser titqaxxar kollha u tingħata t-tarmac. Is-sindku semma li żdiedu xi servizzi li l-kuntrattur ried jgħaddi u li ma kellux kontroll fuqhom.

14.3.3 X’ħin jitlestew ix-xogħlijiet marbuta ma’ l-asfaltar ta’ triq il-qasam ta’ Sannat, ser ikompli x-xogħol li jikkonċerna l-*water reservoir* fil-*playing field* ta’ Triq Marziena. Hawnhekk l-ilma tax-xita ser jinġabar u hekk ikun jista’ jintuża biex isir it-tisqija tal-pjanti u s-siġar madwar il-lokalità. Sfortunatament, xi kultant l-ilma li qed jintuża għat-

tisqija li qed jittella mil-*borehole* ġieli jkun mielaħ u jkun detriment għas-siġar u pjanti. L-ilma wkoll li jinġabar fil-*water reservoir* jista' jintuża wkoll min nies ta' Sannat sabiex ikunu jistgħu isaqqu bih.

14.3.4 Se jibdew jgħaddu s-servizzi fi Triq it-Tempju ta' L-Imramma u wara Triq Dun Luqa biex imbagħad isir l-asfaltar tat-triq. Wara li jitlestew dawn ix-xogħlijiet, se jibdew is-servizzi Triq ta' Saguna.

## 14.4 Attivitajiet – Beer Festival, Festa Santa Margerita u Divertiment fil-Pjazza

14.4.1 Il-*Beer Festival* se jsir fis-16 t'Awwissu fi Pjazza Santa Margerita. Il-kunsill qed jaħdem biex issir promozzjoni ta' din l-attività li jinkludu reklamar fuq *facebook*, ser jitwaħħlu *posters* fil-pjazza speċjalment issa fil-ġimgħa tal-festa, kif ukoll *banner* kbir mwaħħal mal-*fence* tal-playing field.

14.4.2 It-tindif u l-knis fil-ġimgħa tal-festa, l-kunsill ser iqabbad kuntrattur privat biex jgħin fit-tindif matul din il-ġimgħa tal-festa.

14.4.3 Il-kunsill, b'mod unanimu, qabel li, minn nhar il-Ġimgħa tmienja (8) ta' Awwissu, se jibda jsir divertiment fil-pjazza kull nhar ta' Ġimgħa. L-ewwel attivita' se ssir mill grupp bl-isem *'Joy Givers'*, għaldaqstant, il-pjazza se tkun magħluqa għall-karozzi sabiex l-attivita' tkun tista' ssir b'mod sigur u komdu għal kulħadd.

## 14.5 Komunikazzjoni

14.5.1 Iċ-ċirkulari SPI/SCI/04/2023 marbuta mas-CCTV, il-kunsill ser jitlob estensjoni sa' l-aħħar t'Awwissu.

14.5.2 Marbuta maċ-ċirkulari SPI/SCI/07/2025, is-sindku se jiltaqa' mal-perit eżattament wara din il-laqgħa, biex ikunu jistgħu jiffinalizzaw l-applikazzjoni u jkunu jistgħu jissotomessu l-applikazzjoni ma' l-awtoritajiet konċernati.

14.5.3 Il-kunsill ser itella avviż fuq il-paġna soċjali tal-kunsill fuq *facebook* minħabba t-tiġrijiet taż-żwiemel li ser isiru nhar it-Tnejn 21 ta' Lulju. Ser jitqassam avviż ukoll mar-residenti ta' l-akkwati ta' Triq Xamgħan.

14.5.4 Is-segretarja eżekuttiva ġibdet l-attenzjoni minħabba t-*toilets* tal-Ġnien il-Bidwi mhux jifflaxjaw u dan minħabba l-pompa li trid titranga. Is-sindku qal li kellem lill-kuntrattur li qed jieħu ħsieb il-ġnien biex jibgħat l-*electrician* sabiex titranga l-pompa.

## 14.6 Ilmenti u suġġerimenti

14.6.1 **Numru 78/2025** - Residenta ilmentat ma' *Transport Malta* rigward *refreshing* ta' *Stop Sign* fi Triq Santa Marija. Il-kunsill bagħat din it-talba lis-sur Anthony Buhagiar fis-27 t'Ġunju.

14.6.2 **Numru 79-2025** Residenta li toqgħod fi Triq Pisoniano ilmentat rigward nuqqas ta' ġbir tal-borża sewda minn naħa tal-kuntrattur.

14.6.3 **Numru 80-2025** Persuna li toqgħod fi Triq it-Tempju ta' L-imramma resqet ilment rigward trabijiet u l-istat ħażin tat-triq imsemmija. Din ir-residenta ilmentat ukoll rigward l-iskart li qed jinħareġ mhux fil-ġurnata li suppost jinġabar.

14.6.4 **Numru 81-2025** Individwu li joqgħod fi Triq Dun Xand Aquilina talab li titneħħa *disabled parking* li hemm quddiem ir-residenza tiegħu. Din it-talba ġiet mgħoddija lil *Transport Malta*.

14.6.5 **Numru 82-2025** Resident li joqgħod fi Triq Xamgħan ressaq ilment fuq l-istat ħażin tat-triq, liema lment ġie diskuss f'din il-laqgħa u dawk preċedenti. Ressaq ukoll l-ilment ta' nuqqas ta' dawl f'din it-triq.

14.6.6 **Numru 83-2025** Resident li joqgħod fi Triq Xamgħan staqsa lill-kunsill jekk hux se jkun hemm aċċess għal l-imsemmija triq waqt it-tiġrijiet taż-żwiemel. Il-kunsill kellu komunikazzjoni ma' dan ir-resident.

14.6.7 **Numru 84-2025** Persuna daħlet ilment li qed isiru xogħolijiet bla permess fi Triq il-Kbira. Il-*community police* ġie nfurmat u mar fuq il-post biex jivverifika.

14.6.8 **Numru 85-2025** Diversi persuni lmentaw rigward bankina mkissra fi Triq Barumbara tal-Bies kantuniera ma' Triq Skerla. Din it-talba ntbagħtet bis-sistema tal-*Works Request System* tal-Ministeru għal Għawdex.

## 14.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 07/2025

14.7.1 Is-Segretarja Eżekuttiva ressqet l-iskeda ta' pagamenti Nru.07/2025 li ntbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-kunsilliera Francis Galea. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-*Internet Banking*. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-kunsilliera Galea u ssekondata mill-Kunsillier Bajada. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma' dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 14.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

14.8.1 Il-laqgħa ntemmet fil-14.45 u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 13 ta' Awwissu, fi1-11.00 pm

14.8.2 Konfermati, illum 13 ta' Awwissu 2025

Firmati

| | |
|---|---|
| Philip Vella | Jeanette Grima |
| Sindku | Segretarja eżekuttiva |